MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru 252/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRISTOPHER PULLICINO**
**VS**
**ANDREW MIFSUD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Andrew Mifsud ta’ 41 sena, iben il-mejjet Victor u Jean nee’ Ellul Mercer, imwieled Paceville, San Giljan, fit-3 ta’ Novembru, 1967, residenti ‘30’, Clarence Street, Msida u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 438267(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-15 ta’ Frar 2009 u fix-xhur ta’ qabel din id-data b’diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe fil-Madliena, kkommetta serq ta’ flus mill-istabbiliment bl-isem

"Madliena Cottage Restaurant and Wine Bar" sitwat fi Triq il-Bir, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur li jaqbez € 2329.37c, u bil-persuna u sar ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-istess stabbiliment u/jew persuni ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 160) taht liema artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat. Rat il-Verbal tat-22 ta' Frar 2006 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni illi jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 18 ta' Mejju 2010 (a fol.4);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, **Andrew Mifsud**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 267, 270, 279(b), 280(2) u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.**

Il-Qorti rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni, fis-sens li l-Prosekuzzjoni ma kelliex provi dwar serq in eccess ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500) (ara verbal a fol.27).

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat , il-fatt illi l-imputat hallas is-somma ta’ tlett elef u hames mitt Euro (€3,500) fil-mori tal-kawza (ara fol.27) lill-kwerelanti u in vista tac-cirkotanzi partikolari ta’ dan il-kaz, fis-sens, li l-imputat kellu tifla marida serjament u t-tghabbija finanzjarja minhabba l-kundizzjonijiet specjali ta’ din it-tifla kienet dik illi nducietu fl-izball.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------